MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2008

Rikors Numru. 11/1998/1

**Kummissarju tal-Artijiet**

**Vs**

**Georgina Saydon
Mary Josephine Saydon
Catherine Saydon
Giovanna Darmanin**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur tal-Kummissarju tal-Art li jghid hekk:

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ta' Ftehim datat 16 ta' Settembru 1997 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f'Hal Qormi tal-kejl ta' 435 metru kwadru li tmiss mill-Punent ma' Triq Pubblika, min-Nofsinhar mal-Monasteru ta' San Pietru tal-Imdina u mill-Lvant ma' proprjeta ta' Guiseppa Borg et

huwa ta' tmien t'elef u seba' mitt lira Maltin (Lm8,700) kif jidher mir-rapport tal-perit Godwin Drago A&CE tal-25 t'April 1997 li kopja tieghu hija annessa mal-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tas-7 t'Ottubru 1997 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjararw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' ghoxrin elf lira Maltija (Lm20,000)

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Ra r-risposta tal-intimati li tghid:

Illi l-kumpens offert mir-rikorrent ghax-xiri assolut bhala franka u libera ta' bicca art f'Hal Qormi tal-kejl ta' 435 metri kwadri li tmiss mill-Punent ma' Triq Pubblika, min-Nofsinhar mal-Monasteru ta' San Pietru tal-Imdina u mill-Lvant ma' proprjeta ta' Guiseppa Borg et mhuwiex gust stante li huwa baxx hafna mehud in konsiderazzjoni s-sitwazzjoni ta' din l-art, z-zminijiet prezenti, u l-prezzijiet ghall-art fabbrikabbli ta' dik it-tip;

Illi l-art hija fabbrikabbli u zviluppabbli 'di per se';

Illi inoltre l-art inkwstjoni tinsab f'zona kummercjali, industrijali u semi-industrijali, u dan jikkonfermah l-fatt tal-prezenza ta' diversi stabbilimenti ta' dan it-tip;

Illi ghalhekk in konsiderazzjoni tal-fatti fuq premessi l-esponenti qeghdin jippretendu kumpens ta’ xejn inqas minn ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000).

Salv risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ikkunsidra:

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC Frederic H. Valentino u l-Perit AIC Joseph Mizzi wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma’ din is-sentenza:

Wara li ahna ezaminajna d-diversi dokumenti elenkati fil-process flimkien max-xhieda tal-Periti inkarigati miz-zewg nahat;

Wara li hadna in konsidrazzjoni waqt l-access li sar recentement fil-presenza taz-zewg partijiet il-posizzjoni fisika relattiva tal-art esproprijanda, li giet inkorporata fi triq pubblika flimkien ma’ l-izvilupp ta’ natura kummercjali li hemm f’dawk l-inhawi tal-Mithna fi dhul Hal Qormi mix-xaqlliba tal-Wied;

Jidrilna li, minn kalkoli li ghamilna, ai termini ta’ l-Ordinanza Dwar l-Akkwist ta’ Proprjeta’ Ghall-skopijiet Pubblici, li l-valur ta’ ghoxrin elf liri maltin (Lm20,000) ekwivalenti ghall Euros 46,587.47 kif mitlub mill-istess intimati fl-ittra ufficcjali responsiva tas-7 ta’ Ottubru, 1997 hija gustifikata konsiderando r-rata prevalenti ta’ l-artijiet f’dawk l-inhawi ta’ Hal Qormi fi zmein in-Notice to Treat cioe’ 16 ta’ Settembru, 1997.

Illi tenut kont li l-periti membri huma konkordi mat-talba tal-intimati, ikun inutili li l-Bord jaghmel referenza ghax-xhieda mressqa mill-istess intimati in sostenn tat-talba taghhom;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrent u jordna lill-intimati li jitrasferixxu bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut l-bicca art fabbrikabbli f'Hal Qormi tal-kejl ta' 435 metru kwadru li tmiss mill-Punent ma' Triq Pubblika, min-Nofsinhar mal-Monasteru ta' San Pietru tal-Imdina u mill-Lvant ma' proprjeta ta' Guiseppa Borg et bil-kumpens ta' Euro 46,587.47 (sitta u erbghin elf hames mija seba u tmenin euro u seba u erbghin centezmu) oltre l-imghax legali favur l-intimati. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fl-10 ta' Dicembru 2008 fis-2.00 pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Richard Sladden biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------